# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2000**

Citazzjoni numru 115/1989MM

Emanuel Vella

-vs-

Carmel sive Charlie Dalmas

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-5 ta' Ottubru 1989 fejn wara li premetta illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) hlas ta' xoghol ta' tikhil, tpoggija ta' madum, u xoghol iehor affini illi l-attur ghamel fuq ordni u ghall-beneficcju tal-konvenut fil-fond fi Triq Provvidenza, Victoria, Ghawdex.

Jghid ghalhekk ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1 Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) dovuta kif fuq inghad, bl-interess legali fuq din is-somma mill-20 ta' Awissu 1989 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imsejjah.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-20 ta' Lulu 1989, u ta' dawk ufficjali ta' Awissu 1989 u ta' Settembru 1989 kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex fl-ewwel lok din it-talba hija ntempestiva, peress illi x-xoghol li kellu jaghmel l-attur mhux tal-kwalita' li titlob is-sengha, u ghalhekk qabel ma jirrimedja ghal dan, kif gie mitlub jaghmel diversi drabi mill-konvenut, huwa m'hu intitolat jitlob ebda hlas.

2. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub huwa esagerat, u fih zieda ta' mitejn lira (Lm200) aktar minn dak bonarjament miftiehem bejn

il-partijiet a tenur ta' skrittura ffirmata mill-istess attur zmien qabel ma attwalment bdew ix-xoghlijiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Dicembru 1989 fejn innominat lill-Perit Richard Aquilina bhala espert tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tat-tekniku fuq imsemmi ipprezentat fis-27 ta' Marzu 1996 u mahluf fis-26 ta' Settembru 1996.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-attur gie imqabbad mill-konvenut sabiex jaghmel xi xoghol ta' zebgha, tqeghid ta' madum, tikhil u xoghol iehor fil-fond fi Triq il-Provvidenza, Victoria, Ghawdex.

Dan il-fond gie deskritt mill-Perit tekniku bhala wiehed qadim, fih zewg sulari, bitha interna u kmamar illi jinsabu madwarha. Irrizulta wkoll lill-perit tekniku illi din id-dar ma fihijiex qatran, bil-hitan imxarrba bl-umdita' tant illi fi bnadi oltre tbajja hemm ukoll speci ta' tajjar mal-hitan. Dana jindika l-ammont kbir ta' tixrib illi hemm fil-gebel.

Irrizulta ghalhekk illi b'hitan bhal dawn it-tibjid ma tantx jorbot u anqas ikopri, wisq inqas ma jista' t-tibjid jigi uniformi u kien fid-dawl ta' dan il-perit tekniku accetta illi xi ilmenti tal-konvenut jistghu ikunu gustifikati.

Dawn l-ilmenti gew elenkati mill-istess perit tekniku u jinkludu l-madum ta' l-art god-W.C. tal-pjan terren, tal-kcina u fil-loggia liema madum ma sarx fuq livell, anzi tal-loggia jaqleb 'il gewwa. Dan huwa difett illi seta' jigi evitat u ghalih ghandu jinzamm responsabbli l-attur.

Il-madum tal-hajt gox-shower ghandu certa difetti li juru li t-tqeghid ma sarx skond l-arti u s-sengha. Fejn il-hajt ma kienx dritt, dana kien messu inkesa u wara tqieghed il-madum. Il-madum ta' madwar it-tieqa lanqas m'hu irfinut u dana ukoll huwa r-responsabilta' ta' l-attur. It-tielet illi t-tberfil gol-pjan terren ghandu jsir mill-attur.

Il-perit tekniku ikkonkluda illi biex isiru dawn ix-xoghlijiet trid somma ta' mitt lira (Lm100) u ghalhekk issuggerixxa illi mill-ammont li ghandu jiehu l-attur ghandha titnaqqas din ic-cifra biex il-konvenut ikollu jhallas bilanc ta' sitt mitt lira (Lm600).

Din ir-relazzjoni tidher illi hija kkontestata mill-konvenut tant illi baghat diversi domandi lill-perit tekniku sabiex iwiegeb ghalihom principalment dwar

il-*quantum* tal-kumpens illi l-perit tekniku dehrlu li kellha titnaqqas mic-cifra mitluba mill-attur.

Finalment il-konvenut esebixxa certifikat tal-perit Edward Scerri fejn dana ha in konsiderazzjoni l-ilmenti illi elenka l-perit tekniku u vvaluta dawn l-ilmenti fl-ammont ta' mitejn u erba' liri (Lm204).

Ta' min isemmi illi fil-waqt illi l-perit tekniku Richard Aquilina ghamel il-kalkulazzjonijiet tieghu fuq rapportipprezentat fl-elf disa' mija sitta u disghin (1996), il-Perit Edward Scerri ghamel il-kalkoli tieghu fuq cifri mahduma fi Frar ta' l-elf disa' mija disgha u disghin (1999).

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni illi tivvaluta hi stess ix-xoghlijiet maghmula mill-attur waqt access illi ordnat fil-fond tal-konvenut.

Il-Qorti rat dawn ix-xoghlijiet illi ghamel l-attur u ma setghetx ma tasalx ghall-konkluzzjoni li m'humiex xi certifikat ta' xoghol skond l-arti u s-sengha. Vera li l-attur kellhu diffikultajiet kbar biex jahdem f'dan il-fond, pero' dawn id-diffikultajiet ma kienux insormontabbli. U zgur illi livelli tal-madum ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' l-umdita', l-antikita tad-dar u kif inhija mqassma.

M'ghandekx ghalfejn tkun xi bniedem tekniku biex tinduna li t-tqeghid tal-madum fix-shower room fil-pjan terran kien maghmul bl-addocc u mhux skond is-sengha.

Il-Qorti;

Jidhrilha pero' illi r-rapport tal-perit tekniku hu sostanzjalment korrett u minhabba n-natura teknika taghha, il-Qorti ghandha toqghod fuq dawk il-konkluzzjonijiet sakemm ma jirrizultalhiex mod iehor.

F'kawza deciza mill-Prim'Awla fil-31 ta' Jannar 1997 "Anthony Sultana vs Carmel Zammit", il-Qorti qalet illi hi ghandha necessarjament tistrieh fuq l-opinjoni l-aktar prevalenti ta' l-esperti teknici sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi li jndikaw xorta ohra. Ara wkoll "Carmel Sciortino vs Helen u Joseph Camilleri" Qorti ta' l-Appell, 31 ta' Lulju 1996.

Kif gia inghad fl-ahhar seduta, tat-28 ta' Gunju 2000, il-konvenut ipprezenta certifikat ta' Perit Edward Scerri. Minkejja illi dan ic-ceritifikat gie pprezentat wara illi l-perit tekniku ghamel ir-rapport tieghu, il-Qorti thoss illi dan ic-certifikat ghandu jkun ammissibbli. Dana huwa konformi ma' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Charles Demanuele vs John Vella" tal-15 ta' Gunju 1994, fejn inghad illi kien possibbli ghaz-zewg partijiet f'proceduri gudizzjarji sabiex iressqu 'il quddiem xhieda gdida wara illi l-perit gudizzjarju jkun ipprezenta r-rapport tieghu l-Qorti.

Fuq l-iskorta ta' dak illi  rat waqt l-access, ta' l-20 ta' Ottubru 1999, il-Qorti jidhrilha illi c-certifikat u l-konkluzzjonijiet maghmula mill-Perit Edward Scerri huma aktar veritjeri.

Il-Qorti ma tistax timmagina kif jistghu jsiru dawk ix-xoghlijiet rimedjali kollha bil-prezz biss ta' mitt lira (Lm100), meta tqis illi x-xoghol kollhu illi gie kommissjonat lill-attur kien jiswa elf lira (Lm1,000) u dana bi prezzijiet ta' l-elf disa' mija tmienja u tmenin (1988).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur, limitatament ghas-somma ta' hames mitt lira (Lm500) u tikkundanna lill-konvenut illi jhallsu din is-somma hekk likwidata dovuta ghall-hlas ta' xoghol ta' tikhil, tpoggija ta' madum u xoghol iehor affini, illi l-attur esegwixxa fuq ordni u ghall-beneficcju tal-konvenut fil-fond fi Triq Provvidenza, Victoria, Ghawdex.

Bl-ispejjez illi ghandhom jinqasmu kwantu ghal tliet kwarti (3/4) ghall-konvenut u kwart (1/4) ghall-attur.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur